2023/2205

19.10.2023

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2205**

**tal-25 ta' Settembru 2023**

**dwar l-iffirmar, u l-applikazzjoni provviżorja, u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-istatus tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-24 ta' April 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/855 ([1]), li tistabbilixxi Missjoni ta' Sħubija ċivili tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova).

(2) Fit-22 ta' Mejju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/993 ([2]), li tniedi l-EUPM Moldova.

(3) Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill awtorizza lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Moldova bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim dwar l-istatus tal-EUPM Moldova.

(4) Ġie nnegozjat ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2023.

(5) Jenħtieġ li l-Ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-istatus tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (il-"Ftehim") jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

(6) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi applikat fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar l-istatus tal-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) ([3]) (il-'Ftehim') huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) bis-setgħa li tiffirma l-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-iffirmar tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/855 tal-24 ta' April 2023 dwar Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (ĠU L 110, 25.4.2023, p. 30).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/993 tat-22 ta' Mejju 2023 li tniedi l-Missjoni ta' Sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Moldova (EUPM Moldova) (ĠU L 135, 23.5.2023, p. 118).
([3]) It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, 2023/2204, 19.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/ agree/2023/2204/oj

*Artikolu 4*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 19, paragrafu 2, tal-Ftehim [4].

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
H. GÓMEZ HERNÁNDEZ

---

[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.